**3 ta' Mejju, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can.(Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbllika ta' Malta

*versus*

*Omissis...* Mario Gatt

## Serq – Tentattiv – Vjolenza Numerika

*F'din is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell Kriminali eżaminat il-liġi, id-dottrina u l-ġurisprudenza in materja ta' tentattiv, kif ukoll irribadiet li l-kompliċi f'serq ma jidħolx fil-komputazzjoni tan-numru għall-finijiet tal-vjolenza numerika.*

Il-Qorti: –

*Dan hu appell magħmul minn* Mario Gatt *minn* verdett tal-ġurati li bih bi tmien voti kontra wieħed sabuh ħati ta' kompliċità ta' tentattiv ta' serq ta' flus u oġġetti li jiswew aktar minn elf lira, liema *delitt ma ġiex* esegwit minħabba xi ħaġa *aċċidentali* u indipendenti mill-volontà tiegħu, b'dana li d-delitt tas-serq kien ikun aggravat bil-vjolenza (numerika), mezz (skalata), valur u ħin, u mill-verdett sussegwenti tal-ġurija li bih *unanimament sabuh ħati bħala reċediv f'delitt ta' serq* b'*sentenza* mogħtija fl-14 ta' Ġunju, 1974 mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet "Il-Maestà Tagħha r-Reġina *vs* Mario Gatt *et*". Il-Qorti Kriminali b'sentenza ta' *l-14 ta'* Settembru 1987 iddikjarat lill-akkużat reċediv f'delitt ta' serq, ħati, bħala kompliċi f'tentattiv ta' serq ta' flus u oġġetti li jiswew aktar minn elf lira, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa *aċċidentali* u indipendenti *mill-volontà tiegħu*, b'dana d-delitt ta' *serq* kien ikun aggravat minn vjolenza (numerika), mezz, (skalata), valur u ħin, u wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ukoll il-proklama *mogħtija mill-President* tar-Repubblika ta' Malta fid-29 ta' Jannar 1987 ikkundannat lill-akkużat misjub ħati għal ħmistax-il xahar priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas il-perijodu ta' arrest preventiv *li l-istess ħati* għamel in konnessjoni *ma' dan* il-każ, u fl-aħħarnett ikkundannatu jħallas wieħed minn erba' ta' l-ispejjeż taxxati tal-perizji inkorsi in konnessjoni ma' dan il-każ fir-Reġistru ta' din il-Qorti;

Bir-rikors tiegħu ta' l-appell ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 1987 l-appellant Gatt talab li l-verdett tal-ġurija jiġi mħassar billi verdett ħażin, inġust u insostenibbli mill-provi prodotti u legalment produċibbli u li s-sentenza appellata tiġi rrevokata u li jiġi lliberat minn kull ħtija u piena skond il-liġi;

*Omissis;*

Mill-provi jirriżulta li filwaqt li l-appellant Gatt kien qiegħed jagħmel l-għassa fil-viċinanzi ċertu Martin Spiteri tela' fuq spallejn sieħbu Ronald Limbird li kien itwal minnu sew u kien ser jipprova jgħaddi mit-tieqa li hemm fil-faċċata ta' ħanut ta' l-arloġġi f'74 Triq nofs-in-nhar, il-Belt Valletta x'ħin Spiteri nduna li kienet għaddiet karozza tal-Pulizija u niżel jew qabeż minn fuq spallejn Limbird. Gatt, Spiteri u Limbird marru jistaħbew fost ir-rovini tat-Teatru Rjal fejn però nstabu mill-Pulizija. Fuq il-post instabu wkoll attrezzi u oġġetti oħra li kienu ser iservu biex issir is-serqa li ġiet sfrattata. Jirriżulta wkoll li Spiteri kellu jgħaddi mit-tieqa msemmija, jiġbor ir-refutiva u jgħaddiha lil sħabu;

L-appellant isostni li ġaladarba Spiteri ma laħaqx anqas miss it-tieqa ma jissussistix it-tentattiv tar-reat tas-serqa li kienet ġiet ippjanata u għamel riferenza għal diversi teoriji dottrinali fuq il-figura tat-tentattiv ta' reat li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom;

Fil-fatt in materja ta' x'jikkostitwixxi tentattiv ta' reat il-Qrati tagħna tul is-snin kienu konsistenti u essenzjalment segwew it-teorija tal-Carrara bħala t-*test* biex jiġu distinti dawk li fid-dottrina huma magħrufa bħala atti preparatorji minn dawk li huma noti bħal atti li jikkostitwixxu bidu ta' esekuzzjoni;

Minn eżami tad-diċitura adoperata fl-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali jidhru li tlieta huma l-elementi essenzjali ta' tentattiv ta' delitt u ċjoè:

a) Att (jew attijiet) esterjuri li juri l-intenzjoni li wieħed ried jikkommetti delitt;

b) Bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u

ċ) Non-esekuzzjoni tad-delitt minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà ta' l-imputat;

In linea ġenerali l-Qrati tagħna fuq l-ewwel insenjament tal-Carrara dejjem sostnew li l-att esterjuri għandu jkun *tali* li juri intenzjoni *speċifika* li l-imputat ried jikkommetti delitt determinat u mhux sempliċement intenzjoni ġenerika li jikser il-liġi. Ġie ritenut ukoll li huwa metħieġ li dak *l-att* jagħti bidu *għall*-esekuzzjoni tad-delitt u l-att huwa tali meta jifforma parti minn serje ta' attijiet li jekk ikkompletati jikkostitwixxu l-istess delitt (ara Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija *vs* Paul Mifsud *deċiż fl-10 ta' Ottubru 1974 per* Caruana Curran) u preċedentement Appell Kriminali Il-Pulizija *vs* Antonio Grech deċiż fil-25 ta' Ġunju 1955 *per* W. Harding J.). Fl-aħħar waħda *minn dawn is-sentenzi ġie wkoll ribadit li kif jgħallem* il-Carrara l-attijiet li jikkostitwixxu bidu ta' l-esekuzzjoni għall-finijiet tat-tentattiv huma dawk univoċi. Fil-fatt din il-Qorti sejra tiċċita testwalment minn sentenza oħra tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija, fl-4 ta' Marzu 1944 per W. Harding) *in re* Il-Pulizija *vs* Ruggier Camilleri *et* li dejjem baqgħet tiġi segwita u dan biex turi kif il-Qrati tagħna jħarsu lejn din il-kwistjoni;

"Ma hemmx dubju illi l-formoli u d-diskwisizzjonijiet skolastiċi dwar attijiet preparatorji u attijiet *li jikkostitwixxu* bidu *ta' esekuzzjoni*, huma ftit ikkomplikati, tant li l-ġurista Geyer, f'Monografija li dehret fir-Rivista Penali (Vol. XIV paġ. 373) xebbah din il-problema, forsi bi ftit esaġerazzjoni għal dak tal-*Kwadratura* taċ-ċirku;

L-awtur, li l-aktar li affatika ruħu biex isib formola xjentifika biex jiddifferenza l-attijiet preparatorji minn dawk esekuttivi, kien bla dubju l-Carrara, u fl-Opera tiegħu prinċipali *(Programme Parte Generale, para. 358)* stabbilixxa l-kriterju differenzjali fl-**univoċità** ta' l-attijiet fis-sens illi l-attijiet esekuttivi huma dawk li jirraffiguraw id-direzzjoni univoka għal delitt determinat. Iżda l-Carrara, minn dak li wieħed jista' jiġġudika, iktar tard induna illi dak il-kriterju minnu ttraċċjat kien forsi insuffiċċjenti u indeterminat, u għalhekk, f' "operi" tiegħu posterjuri *(Sinopsi del Conato – Reminiscenca di Cattedre e foro,* paġna 261 *et seq:* – u anki *"Atti Preparatori (Reminiscenza ecc.* paġna 371 *et seq)* insista fuq formula aktar preċiża u rritjena illi huma attijiet preparatorji dawk li jesawrixxu ruħhom fuq is-suġġett attiv premarju jew sekondarju tad-delitti esekuttivi jew konsumattivi dawk li jiżvolġu ruħhom fuq is-suġġett passiv ta' l-attentat jew tal-konsumazzjoni. Biex tiftiehem din il-formula għandu jingħad illi s-suġġett primarju tad-delitt huwa d-delinkwent; soġġett sekondarju l-mezzi jew strumenti li bihom jisserva d-delinkwent; suġġett passiv ta' l-attentat jikkonsisti f'dawk il-ħwejjeġ jew persuni, li fuqhom hemm dritt ta' ħaddieħor, li ma hux però d-dritt li għandu jkun ivvjolat biex ikun hemm il-konsumazzjoni, imma li fuqhom għandu jaġixxi d-delinkwent biex jista' jirraġġunġi l-perpetrazzjoni tad-delitt; suġġett passiv tal-konsumazzjoni jikkonsisti f'dawk il-ħwejjeġ, jew persuni, li jirrappreżentaw id-dritt li l-vjolazzjoni tiegħu tikkostitwixxi l-konsumazzjoni tar-reat";

Fl-istess sentenza l-imsemmija Qorti kienet ukoll applikat *test* ieħor ċjoè dak tar-Rossi li hu deskritt b'dal-mod u ċjoè: *"Quando taluno può dire "non voglio incominciare sta ancora negli atti preparatori; quando invece egli è obbligato a dire "voglio desistere"; allora i suoi sono già atti di esecuzione".*

L-istess Qorti kienet għamlet ukoll riferenza għat-*test* tal-Geyer u ċjoè li hemm tentattiv *"quando il dolo dell'agente si manifeste "ex re"* u dak tal-Berner ċjoè li l-bidu ta' l-esekuzzjoni huwa kkostitwit minn azzjoni illi sewwa fl-ordni subjettiv, kemm f'dak objettiv, joħroġ mill-ekwivoku;

F'dan l-isfond legali din il-Qorti wara li wiżnet il-provi m'għandhiex dubju li taħt dawn il-kriterji kollha f'dal-każ *si tratta* ċertament ta' tentattiv ta' serq. Infatti jirriżulta li wara li kienu *saru* l-pjani kollha tas-serqa kien ġie deċiż li d-dħul fil-ħanut imsemmi jsir mit-tieqa li hemm fuq il-faċċata tiegħu u dan billi Spiteri l-iżgħar wieħed fl-istatura jitla' fuq spallejn Limbird li kien l-itwal wieħed. Spiteri kellu jgħaddi mit-tieqa jneħħi njama li kienet tgħatti t-tieqa minn ġewwa, jidħol fl-ambjenti tal-ħanut u jisraq minn ġo fih. Meta tfaċċaw il-Pulizija d-delinkwenti mhux biss kienu fuq il-post bl-attrezzi kollha li kienu ħadu magħhom biex jużawhom fis-serqa imma Spiteri kien diġà ttella' fuq spallejn Limbird u fil-proċint li jidħol fit-tieqa. Spiteri stess jammetti dan fix-xiehda tiegħu u għalkemm invitat diversi drabi jgħid li ma laħaqx miss il-ħajt mhux biss qal li laħaq missu iżda li ma kienx laħaq daħal fit-tieqa għaliex fit-tentattivi tiegħu beda jiżloq minn mal-ħajt. Skond din il-Qorti dan l-aġir jinkwadra ruħu mhux biss taħt l-ewwel teorija tal-Carrara, ċjoè dik ta' l-univoċità iżda anki taħt it-tieni. Infatti l-istess aġir eżawrixxa ruħu fuq is-suġġett passiv ta' l-attentat billi Spiteri diġà invada parti mill-ħanut li kienet proprju l-ewwel parti essenzjali mill-esekuzzjoni ta' l-*iter criminis*. L-istess aġir jissodisfa wkoll it-teorija tar-Rossi billi evidentement anki mix-xiehda ta' Spiteri u Limbird jirriżulta li meta tfaċċat il-Pulizija ma kinux fi stat li jgħidu "ma rridux nibdew" iżda li "ma nieħdux ir-riskju li nkomplu". Hu sodisfatt it-*test* tal-Geyer għaliex *una volta* stabbilita l-intenzjoni speċifika ta' serq minn dak il-ħanut u proporju bil-mod deskritt, u ċjoè

bit-tlugħ ta' Spiteri mal-ħajt biex jidħol mit-tieqa, m'hemmx dubju li d-*"dolo dell'agente"* f'dal-każ *"si manifesta ex re"*. Fl-aħħarnett hu sodisfatt ukoll it-*test* tal-Berner li m'hu xejn ħlief it-teorija ta' l-univoċità;

Fil-fehma ta' din il-Qorti għalhekk dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant jirriżulta infondat;

Ikkunsidrat dwar it-tieni aggravju;

Illi l-appellant jippretendi li kienet tissusisti l-impossibilità li d-delitt ippjanat jiġi kkonsmat u dan peress li t-tieqa li minnha kellu jsir id-dħul irriżultat dejqa biex xi ħadd seta' jgħaddi minnha. Hawnhekk *si tratta* tal-kwistjoni ta' l-inidoneità tal-mezzi u f'dan ir-rigward m'hemmx dubju li kif qalet il-Qorti ta' l-appell Kriminali (sede Inferjuri *per* W. Harding), *in re* Il-Pulizija *vs* Carmelo Busuttil *et* deċiża fis-6 ta' Mejju, 1961 "it-tentattiv jista' jiġi eskluż ta' l-inidoneità assoluta tal-mezz adoperat". Jiġi nnotat li l-inidoneità jew l-impossibilità trid tkun assoluta. Dan kien ġie enfassizat mill-Qorti Kriminali tal-Maestà Tiegħu r-Re *in re* Rex *vs* F. Cassar (18-11-1941) u hu konformi mad-duttrina Taljana li dejjem ġiet segwita mill-Qrati tagħna f'dil-materja u li tinsab kristallizzata mill-Kassazzjoni Taljana Sez. 1 fis-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Novembru, 1974 *in re* Hermann fejn ingħad li *"l'inidoneità degli atti deve essere assoluta, in rapporto all'evento voluto, con valutazione astratta dell'efficienza strutturale e strumentale del mezzo, che non deve consentire neppure un'attuazione eccezionale del proposito criminoso"*;

F'dan l-isfond legali kif ukoll fuq il-bażi tal-provi li nġiebu tul il-ġuri din il-Qorti hi tal-fehma li mhux biss ma tirriżultax

l-impossibilità assoluta iżda li anqas hemm provi li talvolta kien hemm *xi impossibilità relattiva*. Jingħad f'dan ir-rigward li veru li jirriżulta li t-tieqa kienet żgħira u pjuttost tali li żgur ma kienx ser ikun faċli li Spiteri jgħaddi minnha però lanqas l-istess Spiteri ma afferma li seta' għaddielu minn moħħu li seta' ma jgħaddix minnha. Ma' dan jista' jiżdied ukoll dan li ġej:

(a) sid il-ħanut afferma li t-tieqa kienet tippermetti li persuna ta' statura żgħira tgħaddi minnha tant li issa mbarraha bil-ħadid;

(b) il-korrei f'dan id-delitt kienu ilhom jippreparaw is-serqa u mhux biss iddeċidew li d-dħul isir minn dik it-tieqa iżda għażlu proprju lil Spiteri li fi statura kien l-iżgħar wieħed;

(ċ) il-ġurati li kellhom l-opportunità jikkonstataw *de visu* t-tieqa waslu għall-konklużjoni li ma kienx hemm dik l-impossibilità li l-akkużat kien qed jippretendi u dan wara li ġew indirizzati mill-Imħallef fuq il-kunċett ta' impossibilità;

Jista' jiġi osservat ukoll li din il-kwistjoni jekk id-dħul mit-tieqa kienx jikkostitwixxi impossibilità f'dak li hu dħul minnha hija merament kwistjoni ta' fatt u f'dan ir-rigward ma nġabitx prova waħda li tista' talvolta tixħet dubju fuq jekk id-delitt ippjanat setax jiġi kkonsmat kieku ma kienx għall-intervent tal-Pulizija;

Anki dan it-tieni aggravju ta' l-appellant hu għalhekk infondat;

Ikkunsidrat fuq l-aħħar aggravju;

Illi l-appellant qiegħed jissottometti li hu ġie misjub ħati ta' kompliċità u għalhekk ma setax jitgħabba bl-aggravju tal-vjolenza numerika peress li l-ħallelin ma kinux aktar minn tnejn;

Fuq din il-kwistjoni jeżisti preċedent fil-ġurisprudenza nostrana billi punt identiku ġie deċiż minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha ta' l-24 ta' Ottubru, 1980 *in re* Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Alfred Zammit *et;*

F'dik is-sentenza din il-Qorti kienet qalet hekk:

''Issa l-liġi tagħna, a differenza ta' liġijiet oħra derivanti minn fonti komuni tuża fl-artikolu 275(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali (illum 262(1)(b) ) il-kliem ''meta **l-ħallelin** ..... jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn''. Il-kliem 'jippreżentaw ruħhom' taw lok għal diskwisizzjonijiet interessanti ta' interpretazzjoni fil-prattika tagħna però l-kelma ''ħallelin'' fl-imsemmija disposizzjoni tagħna, li ma jidhirx li ġiet ivvalorizzata biżżejjed, hi fil-fehma tal-Qorti biżżejjed ċara biex teskludi l-kompliċi'';

Fil-każ indiżamina għalhekk stabbilit li John Gatt ġie lliberat għax misjub mhux ħati u stabbilit li l-ġurati sabu lill-appellant Mario Gatt ħati bħala kompliċi, fir-rigward tiegħu jibqa' biss żewġ ħallelin u għalhekk ma jistax jissusisti l-aggravju tal-vjolenza numerika;

Dan l-aħħar aggravju ta' l-appellant għalhekk qed jiġi akkolt u dan bil-fors għandu jwassal għal riduzzjoni fil-piena;

Fit-trattazzjoni fl-appell l-appellant issottometta wkoll li ma kienx jirriżulta l-aggravju tal-mezz permezz ta' l-iskalata. F'dan però mhux korrett għaliex hu evidenti li r-reat tas-serq ippjanat

kieku kkonsmat kien ser isir proprju permezz ta' l-iskalata malħajt tal-ħanut biex ikun hemm dħul mit-tieqa;

Dwar piena jiġi osservat li skond l-artikolu 278(1) il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz biss jeħel il-piena tal-priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin;

Skond it-tielet sub-artikolu ta' l-istess artikolu jekk is-serq barra milli bil-kwalifika tal-mezz ikun akkompanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-vjolenza, il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-*minimum* tagħha;

Skond l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, fil-każijiet ta' reċediva fid-delitti ta' serq bħal ma hu l-każ ta' l-appellant, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi;

L-Ewwel Qorti fil-fissazzjoni tal-piena diġà ħadet konsiderazzjoni tal-proklama ta l-E.T. il-President tar-Repubbblika tad-29 ta' Jannar, 1987 li għal każijiet bħal dak in diżamina kienet tipprovdi għar-riduzzjoni tal-piena bi grad;

Skond l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali mbagħad meta l-liġi tiddisponi espressament bħal f'dal-każ li l-piena m'għandhiex tingħata fil-*minimum*, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-inqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*. Minħabba li hawn *si tratta* ta' kompliċità f'tentattiv allura l-piena tonqos ukoll bi grad jew tnejn;

Dan iġib li l-*minimum* li jista' jingħata f'dan il-każ huwa

ta' seba' xhur priġunerija u dan jekk għar-reċediva jiżdied grad biss li jerġa' jitneħħa minħabba l-proklama msemmija u għat-tentattiv jitnaqqsu żewġ gradi u mhux wieħed;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' l-imsemmi Mario Gatt billi fil-verdett tal-ġurati a kariku tiegħu dwar il-kompliċità f'tentattiv ta' serq twarrab u tħassar il-kwalifika tal-vjolenza u fiċ-ċirkostanzi tirriduċi l-piena lilu nflitta bl-appellata sentenza għal dik tal-priġunerija għal żmien tnax (12)-il xahar waqt li ferma tibqa' l-istess sentenza għall-kumplament b'dan li għandu jitnaqqas ukoll mill-piena ta' priġunerija kull żmien li matulu l-appellant inżamm taħt arrest anki pendenti dan l-appell. Fl-aħħarnett din il-Qorti tiġbed l-attenzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti għall-provvedimenti tal-warrant ta' l-Aġent President tar-Repubblika ta' Malta tad-29 ta' Mejju, 1987 in kwantu dawn jistgħu jkunu applikabbli għall-każ ta' l-appellant jekk hu l-każ.